MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 148/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Michael u Mary Anne konjugi Falzon

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi skond id-dokumenti relattivi annessi mac-citazzjoni u mmarkati “Dok A, B u C” kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom p.l.c.), il-konvenuti kellhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef hames mija, hamsa u erbghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm6,545.06) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru tnejn, tlieta, tlieta, disgha, hamsa, wiehed (233951) gja sitta, tnejn, tlieta,

disgha, hamsa, wiehed (623951), skond il-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala “Dok D”;

Illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu kienu baqghu inadempjenti;

Illi dan id-dejn kien cert, likwidu u ezigibbli;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef hames mija u erbghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm6,506);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-ittri ufficjali tat-28 ta’ Mejju 1999 u tal-11 ta’ Awissu 2000 u bl-imghaxijiet mit-28 ta’ Mejju 1999, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat illi fid-9 ta’ Marzu 2005 il-Qorti tat il-fakulta` lill-konvenuti li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Preliminarjament, illi kwalunkwe ammonti pretizi mill-attrici ghal servizzi rezi qabel Mejju, 1994 kienu preskritti ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

2. Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub kien ezagerat u certament qatt ma kienu saru tant telefonati li kienu jiggustifikaw kont daqshekk gholi;

3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici kien jirreferi ghal numru ta’ telefon ta’ ufficcju li, fil-perjodu li ghalih kien jirreferi l-ammont mitlub, ma kienx qed jintuza mill-konvenuti imma kien amministrat mill-Perit Edward Bencini: l-ammont mitlub kien mill-bidu nett kontestat kemm mill-Perit Bencini u kemm mill-konvenuti.

4. Illi minkejja li qabel ma kienet infethet il-kawza s-socjeta` attrici ripetutament kienet intalbet taghti rendikont ta’ kif waslet ghall-ammont pretiz u anke kienu saru laqghat biex tinstab soluzzjoni, il-konvenuti qatt ma kienu nghataw dan ir-rendikont.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni u l-affidavit tal-Prokuratur Legali Noel Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Xehed il-P.L. Noel Scerri li qal li l-prospett li gie esebit mac-citazzjoni a fol 8 tal-process immarkat Dok “D” huwa prospett mizmum b’mod elettroniku fis-sistema li qed tintuza llum mill-Maltacom. Qabel dik is-sistema kien hemm sistema ohra elettronika li wkoll tkun qed izzomm rendikont ta’ dawn il-kontijiet u tal-hlasijiet. Hu pprezenta kopja ta’ dan ir-rendikont kif ukoll ta dettalji ta’ xi hlasijiet li saru fil-perjodu in kwistjoni. Zied jghid li l-Maltacom fil-konfront tal-istess servizz kienet intavolat zewg ittri ufficjali, wahda minnhom datata 28 ta’ Mejju 1999 li giet notifikata lill-Perit Michael Falzon u li r-riferta taghha tghid notifikat Michael Falzon fl-10 ta’ Gunju 1999 u ittra ufficjali

ohra datata 11 ta’ Awissu 2000 li wkoll r-riferta taghha tghid li gie notifikata lil Michael Falzon fis-16 ta’ Awwissu 2000.

Xehed il-konvenut Perit Michael Falzon li semma li n-numru jirriferixxi ghal kontijiet tat-telefon ta’ l-ufficcju tieghu izda ta’ meta kien Ministru l-ufficcju kien amministrat mill-Perit Bencini. Qal li dan l-ammont huwa ezagerat f’kull mezz minhabba l-fatt illi f’daqqa wahda ghal xi raguni l-kontijiet telghu b’mod illi wiehed anqas jista’ jsib spjegazzjoni tieghu. Ix-xhud ma kienx jiehu hsieb l-ufficcju dak iz-zmien izda kien il-Perit Bencini li kien jiehu hsiebu u l-kont kien kontestat diversi drabi. Fil-fatt kellu anke inkontri ma’ Dr. Zammit Young u ma’ ufficjali ohra tal-Maltacom biex jippruvaw isibu soluzzjoni. Ix-xhud sostna li l-ammont mhux dovut u dejjem talab ***breakdown*** biex ikun jista’ jara izda dawn il-***breakdowns*** qatt ma waslu ghandu.

Gie prezentat affidavit tal-konvenut Perit Michael Falzon fejn fih issemma li hu ma kienx debitur ghall-ammont ta’ Lm5776.26 allegatament dovuti ghall-perjodu qabel Mejju 1994.

Gie prezentat affidavit ta’ Mary Anne Falzon li fih issemma li hi mhix debitrici fl-ammont ta’ Lm5776.26 allegatament dovuti ghall-perjodu qabel Mejju 1994.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din hija kawza ghall-hlas ghas-somma ta’ sitt elef, hames mija u erbgha u hamsin Liri Maltin, u sitt centezmi, bhala ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru (233951) gja (623951). Illi ghal din l-azzjoni, il-konvenuti eccepew billi qalu li kwalunkwe ammonti pretizi mill-attrici ghal servizzi rezi qabel Mejju 1994, huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi:
“L-azzjonijiet hawn that imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra that preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawzi fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.** P.A. 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Co. Ltd.** P.A. 12-Ott-2004, u **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).

Fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' frar 1949, inghad li: fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor…." Dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun ***eiusdem generis*** skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza. U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis*****.** Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis*****,** tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' ***obbligazione di fare***, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:
"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus."
"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti; jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlwnin jew principali. Ta' l-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004)

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jitalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli. U ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuq. Illi l-ammont dovut allegat mis-socjeta` attrici kien ghal servizzi rezi qabel l-1994 fiz-zmien sal-2001. Illi rrizulta li s-socjeta` attrici intavolat zewg ittri ufficjali fil-konfront tal-Perit Michael Falzon, l-ewwel wahda giet ipprezentata fit-28 ta' Mejju 1999, u giet notifikata fl-10 ta' Gunju 1999 u ittra ufficjali ohra datata 11 ta' Awissu tas-sena 2000, u r-riferta taghha tghid li giet notifikata lilu fis-16 ta' Awissu tas-sena 2000 (a fol 59 u 62). Illi dan il-fatt mhux ikkontestat mill-konvenuti, stante li huma llimitaw l-eccezzjoni taghhom ta' preskrizzjoni ghal dawk l-ammonti dovuti fir-rigward ta' telefonati li saru qabel Mejju 1994, jigifieri hames snin qabel id-data ta' l-ewwel ittra ufficjali notifikata lill-konvenuti.

Illi l-artikolu 2128 tal-kap 16 jiddisponi:
"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bl-att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li

minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom."

Illi dawn l-ittri ufficjali kienu definittavament ta' interruzzjoni ghall-preskrizzjoni, u kien proprju ghal dan il-ghan li l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni biss fir-rigward ta' hlasijiet dovuti ghal telefonati li saru qabel Mejju 1994.

Issa f'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll, li jirrizulta li saru xi pagamenti mill-konvenuti fl-1977, hekk kif jidher mid-dokument esebit a fol 53. Illi minn dan id-dokument jidher car li l-ahhar pagament kien fil-5 ta' Dicembru 1997. Illi gie ritentut li l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol XXX p1 p755) u allura att minnu nnifsu interruttiv, ossija "***l'abdicazione di un diritto".*** (**Farrugia vs Perini** PA 7-Dic-1901).

Fil-fatt, l-artikolu 2134 tal-Kodici Civili, dwar ksur tal-preskrizzjoni, ighid hekk:
"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innofsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih."

Gie ribadit ukoll, fil-kawza **Sammut vs Vella** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Mejju 1995, li dawn il-pagamenti akkont huma rikonoxximent tad-debitu u jservu biex jinterrompu l-preskrizzjoni. (Ara wkoll, **Patrick Staines noe vs Charles Falzon et** PA deciza fit-3 ta' Ottubru 2002).

Ukoll, fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Carmelina Vella vs Anthony Borg** deciza fis-16 ta' Settembru 1994 intqal illi;
"Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu……"

Issa dwar dan pero`, jibqa' dejjem l-obbligu ta' min jallega l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, ghalhekk din il-prova trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal, li anzi ghandu l-kompitu li jiddeciedi ***iuxta***

***allegata et probata***. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni, hemm kunflitt ta' provi, allura l-konsegwenza mhix li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt li l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."

Ghaldaqstant, dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu. (Ara **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 2004). Fil-kaz odjern, m'hemmx kunflitt ta' provi f'dan ir-rigward. Illi jirrizulta li saru l-pagamenti fl-1977 minn dokument a fol 53. Illi din il-prova ngiebet mis-socjeta' attrici. Din il-prova ma gietx ikkontestata mill-konvenuti. Gie sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, li ma giex negat li saru dawn il-pagamenti, izda gie sottomess li l-pagamenti li setghu saru jirreferu ghal kontijiet li ma kinux qed jigu kontestati. Ta' min ighid, li dan ma giex ippruvat mill-konvenuti.

Izda, gie sewwa ritenut ukoll illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicement jikkontesta l-***quantum*** ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qiehged jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri. (Ara **Anthony Fenech et vs noe. vs John Saliba,** Qorti tal-Kummerc, 21-Apr-1971, **Victor Calleja noe. vs Nazzareno Vassallo et noe.** Appell, 5-Ott-1998; **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24-Mar-2004). Jirrizulta mill-atti tal-kawza li kien hemm kontestazzjoni fuq is-somma mitluba mis-socjeta' Maltacom. ( a fol 30-33, u fol 42).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza tibqa' differita ghall-kontinwazzjoni ghat-28 ta' Novembru, 2006 fid-9.15 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------